

Brussell, 1 ta' Frar 2022  
(OR. en)

5849/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0026(COD)**

---

**ECOFIN 82**  
**CODEC 107**  
**RELEX 119**  
**COEST 24**  
**NIS 3**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	1 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 37 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-provvediment ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 37 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 37 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 1.2.2022  
COM(2022) 37 final

2022/0026 (COD)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-provvediment ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna**

{SWD(2022) 25 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-Ukrajna ilha tiżviluppa sħubija b'saħħitha mal-Unjoni Ewropea mill-2014, li tmur lil hinn minn sempliċi kooperazzjoni bilaterali biex tevolvi lejn assoċjazzjoni politika gradwali u integrazzjoni ekonomika. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017 u jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva, huwa l-għodda ewlenija biex l-Ukrajna u l-UE jitqarrbu lejn xulxin. Minbarra l-promozzjoni ta' rabtiet politiċi aktar profondi, rabtiet ekonomiċi aktar b'saħħithom u r-rispett għall-valuri komuni, il-Ftehim ipprova qafas solidu biex tiġi segwita aġenda ta' riforma ambizzjuża, iffukata fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, sistema ġudizzjarja indipendenti, l-istat tad-dritt, u klima kummerċjali aħjar. L-UE wriet appoġġ kontinwu għal dawn ir-riformi, li huma kruċjali biex jiġi attirat l-investment, tingħata spinta lill-produttività u jitneħħew l-istandards tal-għajxien fuq terminu medju. Fost strumenti oħra ta' appoġġ, l-UE appoġġat lill-Ukrajna permezz ta' ħames operazzjonijiet konsekuttivi ta' Assistenza Makrofinanzjarja (AMF) li ammontaw għal EUR 5 biljun ta' self fil-perjodu 2014–2021.

Madankollu, minkejja l-orjentazzjoni politika strateġika fit-tul u l-impenn għall-implimentazzjoni tar-riformi, l-Ukrajna għadha qed tiffaċċja sfidi sinifikanti. Minn mindu faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19, aktar minn 3.8 miljun kontaminazzjoni rriżultaw fi kważi 100,000 mewta. Ir-ritorn għat-tkabbir ekonomiku fl-2021 kien kajman, xprunat primarjament mis-setturi tal-bejgħ bl-imnut u tal-kostruzzjoni, u l-prospettiva tindika riskji konsiderevoli. L-inflazzjoni aċċellerat u laħqet l-10 % fi tmiem l-2021. It-tensjonijiet ġeopolitiċi dejjem jikbru fil-fruntiera tagħha mar-Russja kellhom effetti indiretti konsiderevoli fuq il-fiducia, b'mod partikolari tal-investituri barranin. Il-munita nazzjonali tilfet 9 % tal-valur tagħha meta mqabbla mal-USD minn nofs Novembru 2021, minkejja interventi mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna għal madwar USD 1.6 biljun matul l-istess perjodu, u b'hekk tnaqqas l-istokk tar-riżervi uffċjali b' 5.5 %.

F'dan il-kuntest, ir-rendiment fuq il-Eurobonds tal-gvern Ukren żdied għal livelli projbittivi f'nofs Jannar 2022. Il-finanzjament privat tad-diskrepanza sottostanti tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukrajna għalhekk ma għadux disponibbli f'termini sostenibbli. Abbażi tal-aħħar projezzjonijiet mill-Fond Monetarju Internazzjonali fl-ewwel rieżami tal-programm tagħhom, konkluż fit-8 ta' Novembru u approvat fit-22 ta' Novembru 2021, in-nuqqas ta' aċċess għas-swieq kapitali jimplika twessigħ tad-diskrepanza fil-finanzjament tal-pajjiż bl-ekwivalenti ta', mill-inqas, USD 2.5 biljun fl-2022. Barra minn hekk, it-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu qed ikollhom effett detrimentali fuq l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja diġà prekarja tal-Ukrajna. It-theddid persistenti għas-sigurtà diġà wassal għal ħruġ sostanzjali ta' kapital. L-impatt negattiv fuq l-investment futur, fejn l-Ukrajna diġà kienet għadha lura meta mqabbla mal-pari reġjonali, ikompli jnaqqas ir-reżiljenza tal-pajjiż kemm għal xokkijiet ekonomiċi kif ukoll għal dawk politiċi. Barra minn hekk, it-theddid multiplu li bħalissa qed tiffaċċja l-Ukrajna jpoġġi ħafa pressjoni fuq l-istituzzjonijiet tal-istat biex jiproteġu liċ-ċittadini tagħha, li jiġġenera riskji addizzjonali sinifikanti għall-istabbiltà ġenerali tal-pajjiż u tas-soċjeta' inġenerali.

Fl-isfond tat-telf ta' aċċess għas-swieq kapitali internazzjonali minħabba ż-żieda fl-inċertezza ġeopolitika u l-impatt tagħha fuq is-sitwazzjoni ekonomika fl-Ukrajna, il-Kummissjoni qed tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta biex tipprovdi AMF ġdida ta' EUR 1.2 biljun fil-forma ta' self biex titrawwem l-istabbiltà fl-Ukrajna.

L-AMF ta' emerġenza ppjanata, imressqa biex tipprovdi appoġġ rapidu f'sitwazzjoni ta' kriżi akuta u biex issaħħaħ ir-reżiljenza tal-pajjiż, se ddum 12-il xahar u tinkludi żewġ żborżi. Ir-rilaxx tal-ewwel porzjon, soġġett għall-prekundizzjoni politika u implimentazzjoni sodisfaċenti tal-programm tal-FMI, iseħħ malajr wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta, mad-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ) dwar miżuri speċifiċi ta' politika strutturali, miftiehem bejn il-Kummissjoni Ewropea f'isem l-UE u l-Ukrajna. L-iżborż tat-tieni segment ikun marbut mal-implimentazzjoni sodisfaċenti kontinwa kemm ta' programm tal-FMI kif ukoll tal-miżuri ta' politika miftiehma fil-MtQ. Il-MtQ li jirfed din l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza x'aktarx li jiffoka fuq għadd limitat ta' azzjonijiet ta' politika fattibbli u fuq terminu qasir fl-oqsma ta' prijorità l-aktar urġenti, bħat-tiħ tar-reżiljenza u l-istabbiltà ekonomika, il-governanza u l-istat tad-dritt, u l-enerġija. AMF sussegwenti u aktar fit-tul tista' tħares lil hinn mill-kriżi immedjata u tiffoka fuq sett usa' ta' prijoritajiet ta' riforma. L-implimentazzjoni tal-operazzjoni proposta hija mistennija li timxi id f'id mal-appoġġ taħt operazzjonijiet baġitarji ffinanzjati mill-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI). L-allokkazzjoni addizzjonali mħabbra ta' EUR 120 miljun f'għotjiet tal-NDICI se tkun importanti biex tkompli ssaħħaħ l-isforzi ta' bini tal-istat u ta' reżiljenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, l-UE ser taħdem mill-qrib mal-Ukrajna biex issegwi t-talba tagħha għal operazzjoni sussegwenti u regolari tal-AMF meta s-sitwazzjoni tistabbilizza ruħha.

Kif elaborat ulterjorment fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-proposta, il-Kummissjoni tqis, fuq il-bażi wkoll tal-valutazzjoni tal-qagħda politika magħmula mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li l-prerekwiżiti politiċi u ekonomiċi għal operazzjoni tal-AMF bl-ammont propost u ta' din in-natura huma ssodisfati.

- **Kuntest ġenerali**

Ir-riskji mit-tensjonijiet ġeopolitiċi attwali u t-tħassib dwar is-sigurtà fil-fruntiera mar-Russja ilhom jiżdiedu b'mod kostanti minn nofs Novembru. Dawn kienu ta' piż kbir fuq il-fiduċja tal-investituri, kif evidenzjat minn ħruġ stabbli ta' kapital u eżodu fuq ir-riżervi barranin uffiċjali. Id-dgħufija tal-hryvna, minkejja l-interventi kontinwi mill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna b'appoġġ għall-munita domestika, u t-telf de facto tal-aċċess għas-swieq kapitali għall-gvern iżidu b'mod sinifikanti r-riskji għall-prospettiva makroekonomika tal-Ukrajna. Wara reċessjoni inqas severa milli mistennija ta' 4 % biss fl-2020, il-Prodott Domestiku Gross naqas b' 2.2 % sena wara sena fl-ewwel kwart tal-2021. It-tieni trimestru ta' rkupru b' 5.7 % sena wara sena huwa diżappuntanti, minħabba d-daqs tat-tnaqqis preċedenti, u kien segwit minn tnaqqis fit-tkabbir għal 2.7 % fit-tielet trimestru. Id-dgħufijiet fit-tkabbir huma xprunati kemm mis-sitwazzjoni diffiċli tal-pandemija li għaddejja bħalissa (bl-għadd ta' każijiet tal-COVID-19 jiżdied u rata relattivament baxxa ta' tilqim ta' 33 % sal-aħħar ta' Jannar 2022), kemm mill-impatt fuq il-fiduċja minn tensjonijiet li qed jiżdiedu, kif ukoll minn fatturi strutturali limitati, inkluża rata ta' investment kronikament baxxa. Fost l-ostakli strutturali sinifikanti għall-investment, il-korruzzjoni li għadha mifruxa u r-riforma tal-governanza mhux mitmuma tan-netwerk dens ta' intrapriżi tal-istat jibqgħu prijoritajiet għal sforzi ta' politika futuri.

B'kont meħud tal-provvista tal-flus li qed tikber u l-inflazzjoni li qed taċċellera, il-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna (NBU) żied ir-rata ta' politika ewlenija tiegħu b'400 punt bażi għal 10 % bejn Ġunju 2021 u Jannar 2022. Wara diżinflazzjoni sinifikanti fl-ewwel nofs tal-2020, l-inflazzjoni reġġet b'diet taċċellera f'Novembru 2020. Iż-żieda medja fil-prezzijiet tal-prodotti għall-konsumatur laħqet 11 % f'Settembru 2021, qabel ma mmoderat għal 10 % f'Diċembru. L-aċċellerazzjoni fl-inflazzjoni tal-prezzijiet tal-prodotti tal-produtturi għadha għaddejja, u r-rata kienet tammonta spettakolarment għal 62.2 % f'Diċembru 2021. Filwaqt li

L-NBU jikkunsidra li ntlaħaq l-ogħla livell ta' inflazzjoni, huwa mistenni aktar issikkar monetarju matul l-2022, speċjalment li l-inflazzjoni terġa' lura għall-mira ta' 4 % sa 6 %. Fil-kuntest attwali ta' ssikkar gradwali globali tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament, u bħala suq emerġenti, l-Ukrajna hija esposta wkoll għal fraġilità addizzjonali li tirriżulta minn valutazzjoni mill-ġdid tar-riskji globali.

Wara r-ritorn għat-tkabbir u dħul ogħla mit-taxxa, id-defiċit pubbliku tal-2021 huwa stmat għal 3.1 % tal-Prodott Domestiku Gross, li huwa 200 punti bażi aktar baxx mid-defiċit ippjanat inizjalment. Id-dħul pubbliku żdied b'24 % fl-2021, li huwa 2.8 punti perċentwali ogħla milli ppjanat, filwaqt li l-infiq żdied bi 11 %, li huwa 1.5 punti perċentwali taħt il-mira. Fid-dawl ta' dawn ir-riżultati, is-sena l-oħra l-finanzi pubbliċi marru tajjeb. Id-defiċit baġitarju tal-2022 huwa attwalment ippjanat għal 3.5 % tal-Prodott Domestiku Gross, iżda l-parteeċipazzjoni attwali hija inċerta ħafna, tista' tkun aġġar b'mod drammatiku, u se tiddependi b'mod partikolari fuq kif jevolvi l-kuntest ġeopolitiku internazzjonali.

Wara li reġa' beda t-tkabbir ekonomiku, is-surplus sinifikanti fil-kont kurrenti tal-2020, li jirrifletti l-kompressjoni tad-domanda, inbidel f'defiċit fl-2021. Wara surplus ta' USD 5.3 biljun fl-2020, il-kont kurrenti rreġistra defiċit ta' USD 830 miljun, jew 0.5 % tal-Prodott Domestiku Gross, fil-perjodu Jannar-Awwissu 2021. Matul l-istess perjodu, l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet tal-prodotti żdiedu b'36 % u 30 % rispettivament sena wara sena, u dan irriżulta f'defiċit kummerċjali tal-merkanzija ta' USD 3 biljun. Il-bilanċ tas-servizzi, fejn l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet żdiedu bi 12 % u 21 % rispettivament, wera surplus ta' USD 2.3 biljun. L-introjt primarju nbidel f'defiċit sinifikanti ta' USD 3 biljun, għall-kuntrarju ta' surplus ta' USD 3.2 biljun f'Jannar-Awwissu 2020, minkejja li r-rimessi żdiedu bi 18 % għal USD 8.9 biljun. L-istokk tal-investiment dirett barrani rkupra wkoll b'mod sinifikanti fl-ewwel nofs tal-2021, b'mod partikolari minħabba l-investiment mill-ġdid tal-qligħ.

L-istokk ta' riżervi uffiċjali tal-kambju kien stabbli matul il-pandemija fl-2020 u saħansitra laħaq livell rekord ta' USD 31.6 biljun f'Awwissu 2021, inkluża l-allokkazzjoni addizzjonali ta' Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDRs) mill-FMI għall-ekwivalenti ta' USD 2.73 biljun. Minkejja tnaqqis żgħir f'Settembru 2021, ir-riżervi komplew jikbru u baqgħu qrib USD 31 biljun f'Diċembru tas-sena l-oħra, li għadu 6 % ogħla minn sena qabel. Madankollu, wara l-bidla reċenti fil-fiduċja tal-investituri u l-iżgurar tal-interventi tal-bank ċentrali fis-suq tal-kambju barrani għal aktar minn USD 700 miljun fil-bidu tal-2022, ir-riżervi uffiċjali huma mistennija li jkunu naqsu.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Id-Deċiżjoni Nru 701/2020/UE dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna (bħala parti mill-pakkett AMF lill-pajjiżi tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19) fl-ammont ta' EUR 1.2 biljun f'self ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-25 ta' Mejju 2020. L-assistenza tħallset totalment fl-2020-2021.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-AMF proposta hija konformi mal-objettivi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. Hija tikkontribwixxi biex tappoġġja l-objettivi tal-Unjoni Ewropea ta' stabbiltà u żvilupp ekonomiku fl-Ukrajna u b'mod aktar ġenerali, reżiljenza fil-viċinat tal-Ewropa tal-Lvant. Billi tappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet biex jistabbilixxu qafas makroekonomiku stabbli u jimplementaw riformi strutturali ambizzjużi, l-operazzjoni proposta ssaħħaħ il-valur miżjud tal-involviment globali tal-UE fl-Ukrajna u ttejjeb l-effettività ta' forom oħrajn ta' assistenza finanzjarja tal-UE lill-pajjiż, inkluż l-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju u l-ġhotjiet disponibbli permezz ta' strumenti finanzjarji esterni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali

kurrenti għall-2021-2027. L-AMF ta' emerġenza proposta hija parti minn pakkett tal-UE li fih ukoll element ta' għotja, permezz tal-użu addizzjonali ta' EUR 120 miljun taħt l-“Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali — Ewropa Globali” (NDICI-Ewropa Globali), u hija parti integrali mill-appoġġ internazzjonali ġenerali għall-Ukrajna. L-AMF se tkompli tikkomplementa l-assistenza pprovduta minn donaturi multilaterali u bilaterali oħra.

Dawn l-isforzi għandhom jitqiesu fid-dawl tar-rabtiet ekonomiċi importanti li l-Ukrajna stabbiliet mal-UE. Fl-1 ta' Settembru 2017, il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna daħal fis-seħħ. Id-dispożizzjonijiet dwar iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva kienu applikati b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2016, meta l-UE u l-Ukrajna bdew jifthumb b'mod reċiproku s-swieq tagħhom għall-prodotti u s-servizzi. L-UE hija l-ewwel sieħeb kummerċjali tal-Ukrajna, li jammonta għal 38.1 % (f'termini ta' valur) tal-fatturat totali tal-kummerċ estern tal-Ukrajna fl-2020. Il-pajjiżi tal-UE jammontaw b'mod persistenti għal terz tal-esportazzjonijiet Ukreni ta' oġġetti u servizzi. L-importazzjonijiet mill-pajjiżi tal-UE kienu qed jikbru saħansitra aktar u laħqu 43.3 % tal-importazzjonijiet kollha fl-2020.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 212 tat-TFUE.

### **• Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà huwa rispettata peress li l-oġġettivi tar-restawr tal-istabbiltà makrofinanzjarja fuq terminu qasir fl-Ukrajna ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u jistgħu jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea. Ir-raġunijiet ewlenin huma r-restrizzjonijiet baġitarji ffaċċjati fil-livell nazzjonali u l-ħtieġa għal koordinazzjoni b'saħħitha tad-donaturi sabiex l-iskala u l-effikaċja tal-assistenza jiġu massimizzati kemm jista' jkun.

### **• Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità: hija tillimita ruħha għall-minimu meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet tat-tisħiħ tal-istabbiltà makrofinanzjarja fuq perijodu qasir u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dan il-għan.

Kif identifikat mill-Kummissjoni abbażi tal-istimi tal-FMI fil-kuntest tal-Arranġament ta' Riżerva attwali, l-ammont tal-AMF il-ġdida proposta jikkorrispondi għal kważi nofs id-diskrepanza finanzjarja residwa stmata għall-2022, filwaqt li tinnota li din id-diskrepanza ġiet ikkalkulata qabel id-deterjorament reċenti tal-kriżi. Dan il-proporzjon huwa konsistenti mal-prattiki standard dwar il-qsim tal-piżijiet għall-operazzjonijiet tal-AMF (għal pajjiż bi Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-limitu massimu jkun ta' 60 % skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill ECOFIN tat-8 ta' Ottubru 2002), filwaqt li titqies l-assistenza mwiegħda lill-Ukrajna minn donaturi bilaterali u multilaterali oħra.

### **• Għażla tal-istrument**

Il-finanzjament jew l-assistenza teknika għall-proġetti mhux se jkun adattati jew suffiċjenti biex jindirizzaw l-oġġettivi makroekonomiċi. Il-valur miżjud ewleni tal-AMF, meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li din l-assistenza ttaffi r-restrizzjoni finanzjarja esterna u tgħin sabiex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi tippromwovi bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali.

Billi tgħin biex jiġi stabbilit qafas ta' politika ġenerali xieraq, l-AMF tista' żżid l-effikaċja tal-azzjonijiet iffinanzjati fl-Ukrajna permezz ta' strumenti finanzjarji oħrajn tal-UE aktar iffukati.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-AMF qed tingħata bħala parti integrali mill-appoġġ internazzjonali għall-istabbilizzazzjoni ekonomika tal-Ukrajna. Fit-tnejn ta' din il-proposta għall-AMF, is-servizzi tal-Kummissjoni kkonsultaw mal-FMI u mal-Bank Dinji, li diġà għandhom programmi ta' finanzjament imdaqqa. Il-Kummissjoni kienet ukoll f'kuntatt regolari mal-awtoritajiet tal-Ukrajna.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

F'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, fil-kuntest tal-pakkett ta' AMF tal-COVID-19, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu Valutazzjoni Operazzjonali (VO) taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Ukrajna biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-assistenza makrofinanzjarja, jipprovdu garanziji adegwati. Din il-Valutazzjoni Operazzjonali bbażat fuq is-sejbiet tal-VO tal-2018, li setgħu jitqiesu b'mod ġenerali aġġornati, u l-analiżi bir-reqqa tar-rapport tal-2019 dwar il-Valutazzjoni tal-Prestazzjoni tan-Nefqa Pubblika u r-Responsabbiltà Finanzjarja. Il-valutazzjoni tikkonkludi li ċ-ċirkwiti u l-proċeduri finanzjarji fl-Ukrajna nstabu li huma bbażati fuq prinċipji sodi u għalhekk huma meqjusa xierqa għall-finijiet tal-Assistenza Makrofinanzjarja. L-iżviluppi f'dan il-qasam se jibqgħu jiġu sorveljati mill-qrib kif ukoll permezz ta' rapporti tal-progress regolari dwar riformi tal-ĠFP magħmula mid-Delegazzjoni tal-UE fi Kyiv.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-assistenza makrofinanzjarja tal-UE hija strument ta' emerġenza eċċezzjonali li għandu l-għan li jindirizza d-diffikultajiet kritiċi għall-pagament tal-bilanċ f'pajjiżi terzi. Għalhekk, din il-proposta dwar l-AMF hija eżentata mir-rekwiżit li titwettaq Valutazzjoni tal-Impatt skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar tal-Kummissjoni (SWD(2015)111 final) peress li hemm l-eżiġenza politika li jsir progress malajr f'sitwazzjoni li tkun teħtieġ reazzjoni rapida.

B'mod aktar ġenerali, il-proposti tal-AMF tal-Kummissjoni jibnu fuq it-tagħlimiet meħuda minn evalwazzjonijiet ex post imwettqa fuq operazzjonijiet tal-passat fil-viċinat tal-UE. L-AMF il-ġdida, u l-programm ta' aġġustament ekonomiku u ta' riforma meħmuż magħha, se jgħinu biex jittaffew il-ħtiġijiet ta' finanzjament fuq terminu qasir tal-Ukrajna. Il-miżuri ta' politika meħmuża li għandhom l-għan li jsaħħu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti fuq terminu medju u s-sostenibbiltà fiskali se jżidu r-reżiljenza u jikkontribwixxu għal mudell ta' tkabbir aktar sostenibbli, u b'hekk jikkomplementaw il-programm attwali tal-FMI. Il-kundizzjonijiet ta' politika għandhom jibnu fuq il-kisbiet tal-ħames programmi tal-AMF mill-2015, inkluża l-aħħar assistenza ta' emerġenza tal-AMF għall-COVID-19. Oqsma possibbli ta' kondizzjonalità jistgħu, fil-prinċipju, jinkludu riformi biex tissaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja, il-governanza tal-intrapriżi tal-istat u s-settur tal-enerġija.

- **Drittijiet fundamentali**

Pajjiżi li huma koperti mill-PEV huma eleġibbli għall-AMF. Prekundizzjoni għall-ġoti tal-AMF hija li l-pajjiż eliġibbli jirrispetta mekkaniżmi demokratiċi effettivi, inkluża sistema parlamentari b'diversi partiti u l-istat tad-dritt, u jggarantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.

L-impenn imġedded ta' riforma u r-rieda politika qawwija mill-awtoritajiet Ukreni, b'mod partikolari kif evidenzjat mit-tlestija b'suċċess tal-kundizzjonalità tal-politika strutturali marbuta mal-aħħar u l-ħames programm tal-AMF għall-COVID-19 mal-Ukrajna, f'oqsma ewlenin inklużi l-ġudikatura, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, huwa sinjal pożittiv ċar. L-awtoritajiet huma impenjati li jsegwu dawn ir-riformi b'mod trasparenti u f'konformità mal-istandards tal-UE. Għal dak il-għan, il-prekundizzjoni politika għal operazzjoni ta' AMF hija meqjusa bħala ssodisfata.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-operazzjoni proposta ta' AMF ta' EUR 1.2 biljun għall-Ukrajna hija prevista li tiġi zborzata f'żewġ porzjonijiet ugwali li għandhom jiġu rilaxxati fi żmien 12-il xahar. Dawn il-fondi se jiġu mislufa mis-suq kapitali u se jissellfu lill-Ukrajna. Is-self se jkun appoġġat mill-Garanzija għall-Azzjoni Esterna. Il-proviżjonament meħtieġ (b'rata ta' 9 % tal-ammont tas-self) huwa pprovdut taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), għal ammont totali ta' EUR 108 miljun (linja baġitarja 14 02 01 70 "NDICI — Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni").

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rappurtar**

L-Unjoni Ewropea għandha tqiegħed l-AMF għad-dispożizzjoni tal-Ukrajna għal ammont totali ta' EUR 1.2 biljun, mogħtija fil-forma ta' self fuq terminu medju sa twil. Din l-assistenza se tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet finanzjarji residwi tal-Ukrajna fl-2022. L-assistenza hija pplanjata li tiġi zborzata f'żewġ ħlasijiet parzjali ugwali. Ir-rilaxx tal-ewwel segment iseħħ malajr wara l-approvazzjoni ta' din il-proposta u d-dħul fis-seħħ tal-MtQ korrispondenti. L-iżborż tat-tieni porzjon jiddependi fuq l-implimentazzjoni b'suċċess u f'waqtha tal-miżuri ta' politika strutturali, li l-awtoritajiet Ukreni jimpenjaw ruħhom għalihom.

L-assistenza se tkun ġestita mill-Kummissjoni. Japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-prevenzjoni tal-frodi u ta' irregolaritajiet oħrajn, b'mod konsistenti mar-Regolament Finanzjarju.

Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ukreni jaqblu dwar Memorandum ta' Qbil li jistipula l-miżuri ta' riforma strutturali assoċjati mal-operazzjoni tal-AMF proposta, inklużi aspetti ta' żmien u sekwenzjar. Barra minn hekk, kif normalment ikun il-każ tal-AMF, l-iżborżi jkunu fost l-oħrajn kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni kontinwa b'suċċess ta' programm tal-FMI, kif ukoll fuq il-progress fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva.

Il-Kummissjoni se taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet biex timmonitorja l-progress fl-azzjonijiet ta' politika u l-prekundizzjonijiet, kif speċifikat hawn fuq.

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-provvediment ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 212 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislativa ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (l-“Unjoni”) u l-Ukrajna qed ikomplu jiżviluppaw fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u s-Sħubija tal-Lvant. Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-Ukrajna, inkluż Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA), daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.
- (2) Mir-rebbiegħa tal-2014, l-Ukrajna bdiet programm ambizzjuż ta' riforma bil-għan li tistabbilizza l-ekonomija tagħha u ttejjeb l-għajxien taċ-ċittadini tagħha. Il-għlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll riformi kostituzzjonali, elettorali u ġudizzjarji huma fost l-oġġetti prijoritajiet fuq l-aġenda. L-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi ġiet appoġġata minn ħames programmi konsekuttivi ta' Assistenza Makrofinanzjarja, li taħthom l-Ukrajna rċeviet self ta' assistenza għal total ta' EUR 5 biljun. L-aħħar AMF<sup>1</sup> ta' emerġenza tal-COVID-19, ipprovdiet EUR 1.2 biljun f'self u tlestiet f'Settembru 2021.
- (3) L-ekonomija tal-Ukrajna ġiet affettwata mir-reċessjoni tal-2020 ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u minn theddid fit-tul għas-sigurtà fil-fruntiera tagħha mar-Russja. Iż-żieda kontinwa fl-inċertezza rriżultat f'telf reċenti ta' fiduċja, li affettwat b'mod negattiv il-perspettiva ekonomika, u fit-telf ta' aċċess għas-swieq kapitali internazzjonali minn nofs Jannar 2022. Il-kundizzjonijiet ta' finanzjament li qed jiddeterjoraw ħafna jikkontribwixxu għal diskrepanza mdaqqa u li qed tiżdied fil-finanzjament estern residwu u huma ta' piż kbir fuq l-investment, u b'hekk idgħajfu r-reżiljenza għal xokkijiet ekonomiċi u politiċi futuri.
- (4) Il-Gvern Ukren wera impenn qawwi għal aktar riformi, b'enfasi fuq terminu qasir fl-istadju kritiku attwali fuq oqsma ta' politika ewlenin bħar-reżiljenza u l-istabbiltà ekonomika, il-governanza u l-istat tad-dritt, u l-enerġija.
- (5) B'impenn imġedded ta' riforma u rieda politika qawwija, l-awtoritajiet aċċelleraw l-implimentazzjoni tar-riforma mis-sajf tal-2021, li ppermettiet ukoll lill-Ukrajna tlesti

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni (UE) 2020/701 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar il-forniment ta' assistenza makrofinanzjarja lis-sħab tat-tkabbir u tal-viċinat fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, ĠU L 165, 27.5.2020, p. 31-37.

b'suċċess l-operazzjoni tal-AMF għall-COVID-19, peress li l-azzjonijiet ta' riforma kollha miftiehma mal-Unjoni fil-Memorandum ta' Qbil kienu ġew issodisfati.

- (6) Sabiex ikun hemm aktar flessibbiltà politika fil-kuntest tal-kriżi relatata mal-COVID-19, f'Ġunju 2020 il-Fond Monetarju Internazzjonali ("FMI") approva Arranġament ta' Riżerva ta' 18-il xahar mal-Ukrajna għall-ekwivalenti ta' USD 5 biljun. Il-politiki maqbula jiffukaw fuq erba' prijoritajiet: (i) il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku tal-kriżi, inkluż billi jiġu appoġġati l-unitajiet domestiċi u n-negozji; (ii) l-iżgurar ta' indipendenza kontinwa tal-bank ċentrali u rata tal-kambju flessibbli; (iii) is-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja filwaqt li jiġu rkuprati l-ispejjeż mir-riżoluzzjonijiet bankarji; u (iv) progress dwar il-miżuri ewlenin ta' governanza u kontra l-korruzzjoni biex jiġu preservati u mfandda l-kisbiet reċenti. Minħabba rekord ta' implimentazzjoni irregolari, l-ewwel rieżami tal-programm, li qabel ukoll dwar estensjoni tal-programm sal-aħħar ta' Ġunju 2022, ġie konkluż biss f'Novembru 2021. Dan ġab it-total tal-iżborżi taħt il-programm attwali tal-FMI għall-ekwivalenti ta' USD 2.8 biljun s'issa. Żewġ reviżjonijiet oħra huma ppjanati sa tmiem it-tieni kwart tal-2022.
- (7) Fid-dawl tar-riskji għoljin ta' finanzjament tal-baġit, fil-kuntest ta' rkupru kajman mir-reċessjoni tal-COVID-19 u ta' inflazzjoni li qed taċċellera malajr, l-Ukrajna talbet programm ġdid ta' assistenza makrofinanzjarja fit-tul sa EUR 2.5 biljun mill-Unjoni fis-16 ta' Novembru 2021. Madankollu, din l-operazzjoni ta' emerġenza qed twieġeb, b'mod partikolari, għaż-żieda qawwija u mhux mistennija fil-ħtiġijiet finanzjarji esterni tal-pajjiż, ikkawżata mit-telf de facto tal-aċċess għas-swieq finanzjarji, u għall-isfidi immedjati sottostanti.
- (8) Minħabba li l-Ukrajna hija pajjiż kopert mill-Politika Ewropea tal-Viċinat, jenħtieġ li titqies bħala eliġibbli biex tirċievi l-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni.
- (9) L-assistenza makrofinanzjarja mill-Unjoni għandha tkun strument finanzjarju eċċezzjonali ta' appoġġ mingħajr irbit u mhux speċifikat għall-bilanċ tal-pagamenti, bl-għan li tindirizza l-ħtiġijiet finanzjarji esterni immedjati tal-benefiċjarju u għandha tinfed l-implimentazzjoni ta' programm ta' politika li fih miżuri qawwija ta' riforma strutturali u ta' aġġustament immedjat maħsuba biex itejbu l-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti fuq perjodu ta' żmien qasir u r-reżiljenza ekonomika fit-terminu medju.
- (10) Minħabba li t-telf tal-aċċess għas-suk u l-ħruġ tal-kapital ħolqu diskrepanza finanzjarja esterna residwa sinifikanti fil-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukrajna lil hinn mir-riżorsi pprovduti mill-FMI u minn istituzzjonijiet multilaterali oħra, l-assistenza makrofinanzjarja ta' emerġenza tal-Unjoni li għandha tingħata lill-Ukrajna malajr, fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali attwali, titqies bħala rispons xieraq fuq terminu qasir għar-riskji mdaqqsqa għall-pajjiż. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tappoġġa l-istabilizzazzjoni ekonomika u jkollha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza immedjata tal-pajjiż, kif ukoll u fejn dan ikun fattibbli fil-preżent, issaħħaħ l-aġenda ta' riforma strutturali tal-Ukrajna, filwaqt li tissupplimenta r-riżorsi disponibbli taħt l-arranġament finanzjarju tal-FMI.
- (11) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jkollha l-għan li tappoġġja l-ħolqien mill-ġdid ta' sitwazzjoni finanzjarja esterna sostenibbli għall-Ukrajna, u b'hekk tappoġġja l-iżvilupp ekonomiku u soċjali tagħha.
- (12) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija mistennija li timxi id f'id mal-implimentazzjoni tal-iżborżi tal-operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju taħt l-Istrument

ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>.

- (13) Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni hija bbażata fuq valutazzjoni kwantitattiva tal-ħtiġijiet ta' finanzjament estern residwu tal-Ukrajna, u tqis il-kapaċità tagħha ta' awtofinanzjament bir-riżorsi proprji, partikolarment ir-riżervi internazzjonali għad-dispożizzjoni tagħha. Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tikkumplimenta l-programmi u r-riżorsi pprovduti mill-FMI u l-Bank Dinji. Id-determinazzjoni tal-ammont tal-assistenza tqis ukoll il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mistennija mingħand donaturi multilaterali u l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kondiviżjoni ġusta tal-piż bejn l-Unjoni u donaturi oħrajn, kif ukoll l-implimentazzjoni diġà eżistenti tal-istrumenti ta' finanzjament esterni l-oħrajn tal-Unjoni fl-Ukrajna u l-valur miżjud tal-involviment ġenerali tal-Unjoni.
- (14) Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tkun legalment u sostanzjalment konformi mal-prinċipji, l-oġettivi u l-miżuri ewlenin meħuda fl-oqsma differenti tal-azzjoni esterna u ta' linji ta' politika oħrajn rilevanti tal-Unjoni.
- (15) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tappoġġja l-politika esterna tal-Unjoni rigward l-Ukrajna. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jaħdmu mill-qrib matul l-operazzjoni ta' assistenza makrofinanzjarja kollha bil-għan li jikkoordinaw il-politika esterna tal-Unjoni u li jiggarantixxu l-konsistenza tagħha.
- (16) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tappoġġja l-impenn tal-Ukrajna fir-rigward tal-valuri kondiviżi mal-Unjoni, fosthom id-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-iżvilupp sostenibbli u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll l-impenn tagħha lejn il-prinċipji ta' kummerċ miftuħ, ibbażat fuq regoli, u ġust.
- (17) Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li l-Ukrajna tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi — inklużi sistema parlamentari b'diversi partiti — u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Barra minn hekk, l-oġettivi speċifiċi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom isaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà fis-sistemi tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, u jippromwovu r-riformi strutturali li għandhom l-għan li jappoġġaw it-tkabbir sostenibbli u inklussiv, il-ħolqien tax-xogħol diċenti u l-konsolidazzjoni fiskali. Kemm it-twettiq tal-prekundizzjonijiet kif ukoll il-kisba ta' dawk l-oġettivi jenħtieġ li jiġu mmonitorjati regolarment mill-Kummissjoni u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.
- (18) Biex ikun żgurat li l-interessi finanzjarji tal-Unjoni marbutin mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiġu mħarsa b'mod effiċjenti, l-Ukrajna jenħtieġ li tieħu miżuri xierqa fir-rigward tal-prevenzjoni ta', u l-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra marbuta mal-assistenza. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm dispożizzjonijiet biex il-Kummissjoni twettaq verifiki u l-Qorti tal-Awdituri twettaq awditi.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

- (19) Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bħala awtorità baġitarja.
- (20) L-ammonti li għandhom jiġu pprovduti meħtieġa għall-assistenza makrofinanzjarja jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-appropriazzjonijiet baġitarji definiti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- (21) Jenħtieġ li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni tiġi ġestita mill-Kummissjoni. Sabiex ikun żgurat li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu jistgħu jsejgħu l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tinfirmahom regolarment bl-iżviluppi relatati mal-assistenza u tipprovdilhom id-dokumenti rilevanti.
- (22) Sabiex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Jeħtieġ li dawn is-setgħat jitħaddmu skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup>.
- (23) L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jenħtieġ li tkun soġġetta għal kundizzjonijiet ta' politika ekonomika, li jiġu stabbiliti f'Memorandum ta' Qbil. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni u għal raġunijiet ta' effiċjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tinnegozja dawn il-kundizzjonijiet mal-awtoritajiet Ukreni taħt is-superviżjoni tal-kumitat tar-rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011. Skont dak ir-Regolament, jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva, bħala regola ġenerali, tapplika fil-każijiet kollha għajr kif previst f'dak ir-Regolament. Meta jiġi kkunsidrat l-impatt potenzjalment importanti tal-assistenza ta' aktar minn EUR 90 miljun, huwa xieraq li għal operazzjonijiet li jeċċedu dak il-limitu tintuża l-proċedura ta' eżami. Meta jitqies l-ammont ta' assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni lill-Ukrajna, jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tapplika għall-adozzjoni tal-Memorandum ta' Qbil, jew għal kwalunkwe tnaqqis, suspensjoni jew tħassir tal-assistenza,
- (24) Peress li l-oġġettiv ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri li tipprovidi assistenza ta' emerġenza lill-Ukrajna bil-ħsieb li tappoġġa r-reżiljenza u l-istabbiltà tagħha, b'mod partikolari ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista' pjuttost, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak l-għan.
- (25) Minħabba l-urġenza li tirriżulta miċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19, ġie kkunsidrat xieraq li tiġi prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika.
- (26) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,

---

<sup>3</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

## ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. L-Unjoni għandha tagħmel assistenza makrofinanzjarja ta' ammont massimu ta' EUR 1.2 biljun disponibbli lill-Ukrajna ("l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni"), bil-ħsieb li tappoġġja l-istabbilizzazzjoni makroekonomika u aġenda ta' riforma sostantiva. L-assistenza għandha tingħata fil-forma ta' self. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jiddependi fuq l-approvazzjoni tal-Baġit tal-Unjoni għas-sena rilevanti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. L-assistenza għandha tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet tal-bilanċ tal-pagamenti tal-Ukrajna kif identifikati fil-programm tal-FMI.
2. Sabiex tiffinanzja l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa, f'isem l-Unjoni, li tisselef il-fondi meħtieġa mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji u li ssellifhom lill-Ukrajna.

Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.

3. Ir-rilaxx tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandu jiġi ġestit mill-Kummissjoni b'mod konsistenti mal-ftehimiet jew mal-arranġamenti milħuqa bejn il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u l-Ukrajna u mal-prinċipji u l-oġġettivi ewlenin tar-riformi ekonomiċi stabbiliti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna, inkluż id-DCFTA, maqbul skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat.

Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-iżviluppi fir-rigward tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inklużi l-iżborżi tagħha, u għandha tipprovdi lil dawk l-istituzzjonijiet bid-dokumenti rilevanti fi żmien xieraq.

4. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli għal perjodu ta' sena, li jibda mill-ewwel jum wara d-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3(1).
5. Fejn il-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna jonqsu b'mod fundamentali matul il-perjodu ta' ħlas tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni meta mqabbel mal-previżjonijiet inizjali, il-Kummissjoni, filwaqt li taġixxi f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tnaqqas l-ammont tal-assistenza jew tissospendiha jew tħassarha.

### *Artikolu 2*

1. Prekundizzjoni għall-għoti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun li l-Ukrajna tirrispetta l-mekkaniżmi demokratiċi effettivi — inkluża sistema parlamentari multipartitika — u l-istat tad-dritt, u tiggarrantixxi r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem.
2. Il-Kummissjoni u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna għandhom jimmonitorjaw li din il-prekundizzjoni tiġi ssodisfata matul iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu applikati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE<sup>4</sup>.

### *Artikolu 3*

1. Il-Kummissjoni, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7(2), għandha tilħaq ftehim mal-awtoritajiet Ukreni dwar politika ekonomika u kundizzjonijiet finanzjarji definiti b'mod ċar, ikkonċentrati fuq riformi strutturali u finanzi pubbliċi sodi, li l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun soġġetta għalihom, li għandhom jitniżżlu f'Memorandum ta' Qbil ("il-Memorandum ta' Qbil") li għandu jinkludi perijodu taż-żmien għat-twettiq ta' dawk il-kundizzjonijiet. Il-politika ekonomika u l-kundizzjonijiet finanzjarji stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil għandhom ikunu konsistenti mal-ftehimiet jew mal-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 1(3), inklużi l-programmi ta' aġġustament makroekonomiku u ta' riforma strutturali implimentati mill-Ukrajna bl-appoġġ tal-FMI.
2. Il-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jimmiraw, b'mod partikolari, li jtejbu l-effiċjenza, it-trasparenza u r-responsabbiltà tas-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi fl-Ukrajna, inkluż għall-użu tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Il-progress fil-ftuħ reċiproku tas-swieq, l-iżvilupp ta' kummerċ ġust u bbażat fuq ir-regoli u prijoritajiet oħrajn fil-kuntest tal-politika esterna tal-Unjoni għandhom ukoll jitqiesu bil-mod dovut fit-tfassil tal-miżuri ta' politika. Il-progress li jsir biex jinkisbu dawk l-oġġettivi għandu jiġi mmonitorjat regolament mill-Kummissjoni.
3. It-termini finanzjarji dettaljati tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandhom jiġu stipulati fi Ftehim dwar is-Self li għandu jintlaħaq bejn il-Kummissjoni u l-Ukrajna.
4. Il-Kummissjoni għandha tivverifika f'intervalli regolari li l-kundizzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 4(3) jibqgħu jiġu ssodisfati, inkluż jekk il-linji ta' politika ekonomika tal-Ukrajna jkunux f'konformità mal-oġġettivi tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. Għal din il-verifika, il-Kummissjoni għandha tikkoordina mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji u, fejn ikun meħtieġ, mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

### *Artikolu 4*

1. Soġġett għall-kundizzjonijiet tal-paragrafu 3, l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni f'żewġ pagamenti parzjali ugwali, u kull wieħed minnhom għandu jkun jikkonsisti f'element ta' self. L-iskeda ta' żmien għall-iżborż ta' kull pagament parzjali għandha tiġi stabbilita fil-Memorandum ta' Qbil imsemmi fl-Artikolu 3.
2. L-ammonti tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni mogħtija f'forma ta' self għandhom jiġu pprovduti, fejn meħtieġ, f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup>.

---

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi dwar l-iżborż tal-ħlasijiet parzjali soġġetti għat-twettiq tal-kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) il-prekondizzjoni stabbilita fil-Artikolu 2;
  - (b) rekord sodisfaċenti kontinwu tal-implimentazzjoni ta' arranġament ta' kreditu mill-FMI mhux prekawzjonarju;
  - (c) l-implimentazzjoni sodisfaċenti tal-politika ekonomika u tal-kundizzjonijiet finanzjarji miftiehma fil-Memorandum ta' Qbil.

Ir-rilaxx tat-tieni pagament ma għandux, fil-prinċipju, isir qabel tliet xhur wara r-rilaxx tal-ewwel pagament.
4. Fejn il-kondizzjonijiet tal-paragrafu 3 ma jiġux sodisfatti, il-Kummissjoni għandha tissospendi jew tikkanċella temporanjament l-iżborż tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni. F'tali każijiet, hija għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-raġunijiet għal din is-sospensjoni jew dan it-tħassir.
5. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi żborżata lill-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna. Soġġetti għad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu maqbula fil-Memorandum ta' Qbil, inkluża konferma tal-ħtiġijiet finanzjarji baġitarji residwi, il-fondi tal-Unjoni jistgħu jiġu ttrasferiti lill-Ministeru tal-Finanzi tal-Ukrajna bħala l-benefiċjarju aħħari.

#### *Artikolu 5*

1. L-operazzjonijiet ta' teħid u għoti b'self relatati mal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni jsiru fil-munita euro bl-użu tal-istess data tal-valur, u ma għandhomx jinvolvu lill-Unjoni fit-trasformazzjoni tal-maturitajiet, jew jesponuha għal ebda riskju fir-rata tal-kambju jew tal-imgħax, jew għal ebda riskju kummerċjali ieħor.
2. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu, u jekk l-Ukrajna titlob dan, il-Kummissjoni tista' tieħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li tiddaħħal klawżola dwar ir-rimborż bikri fit-termini u l-kundizzjonijiet tas-self u li din tkun appoġġjata minn klawżola korrispondenti fit-termini u l-kundizzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-teħid ta' self.
3. Fejn iċ-ċirkostanzi jippermettu titjib fir-rata tal-imgħax tas-self, u jekk l-Ukrajna titlob dan, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tiffinanzja mill-ġdid it-teħid ta' self inizjali kollu jew parti minnu jew tista' tirristruttura l-kundizzjonijiet finanzjarji korrispondenti. L-operazzjonijiet ta' finanzjament mill-ġdid jew ta' ristrutturar għandhom jitwettqu skont il-paragrafi 1 u 4 u ma għandux ikollhom l-effett li jestendu l-maturità tas-self ikkonċernat jew li jżidu l-ammont ta' kapital pendenti fid-data tal-finanzjament mill-ġdid jew tar-ristrutturar.
4. L-ispejjeż kollha mġarrba mill-Unjoni li jkunu relatati mal-operazzjonijiet tal-għoti jew tat-teħid ta' self skont din id-Deċiżjoni għandhom jiġġarrbu mill-Ukrajna.
5. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar żviluppi fil-operazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2 u 3.

---

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU).

## Artikolu 6

1. L-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup>.
2. L-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni għandha tkun taħt ġestjoni diretta.
3. Il-Ftehim tas-Self u l-Ftehim ta' Għotja li jridu jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Ukreni għandu jkun fihom dispożizzjonijiet:
  - (a) li jiżguraw li l-Ukrajna tivverifika regolarment li l-finanzjament ipprovdut mill-baġit tal-Unjoni jkun intuża kif suppost, li din tiegħu miżuri xierqa biex tipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, tiegħu azzjoni legali biex tirkupra kwalunkwe fondi pprovduti skont din id-Deċiżjoni li jkunu ġew miżapproprjati;
  - (b) li jiggarrantixxu l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, b'mod partikolari billi jipprevedu miżuri speċifiċi biex jipprevjenu u jikkumbattu l-frodi, il-korruzzjoni u kull irregolarità oħra li taffettwa l-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95<sup>7</sup>, ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96<sup>8</sup> u r-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> kif ukoll, għal dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw f'kooperazzjoni msaħħa rigward l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939<sup>10</sup>; b'mod partikolari, għal dan il-għan, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) għandu jkun espressament awtorizzat li jwettaq investigazzjonijiet, inkluż b'mod partikolari kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post inklużi operazzjonijiet forensiċi diġitali u intervisti; li espressament jawtorizzaw lill-Kummissjoni, jew lir-rappreżentanti tagħha biex iwettqu kontrolli, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post;
  - (c) li jawtorizzaw espressament lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri biex jagħmlu awditjar matul u wara l-perjodu ta' disponibilità tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, inkluż awditjar ta' dokumenti u awditjar fuq il-post, bħal pereżempju valutazzjonijiet operazzjonali;
  - (d) li jiżguraw li l-Unjoni tkun intitolata għal ħlas lura bikri tas-self u/jew għal ħlas lura sħiħ tal-għotja meta jkun stabbilit li, fir-rigward tal-ġestjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, Ukrajna tkun ħadet sehem f'xi att ta' frodi jew ta'

<sup>6</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1046/2018 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.07.2018, p. 1).

<sup>7</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1).

<sup>8</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

<sup>9</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

<sup>10</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

korruzzjoni jew f'xi attività illegali oħra li tkun ta' detriment għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

- (e) Li jiżguraw li l-kostijiet kollha mġarrba mill-Unjoni relatati mal-assistenza finanzjarja għandhom jitħallsu mill-Ukrajna.
- 4. Qabel l-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, permezz ta' valutazzjoni operazzjonali, is-solidità tal-arranġamenti finanzjarji tal-Ukrajna, il-proċeduri amministrattivi, u l-mekkaniżmi ta' kontroll interni u esterni li huma rilevanti għall-assistenza.

#### *Artikolu 7*

- 1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- 2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

#### *Artikolu 8*

- 1. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fis-sena ta' qabel, inkluża evalwazzjoni ta' dik l-implimentazzjoni. Dak ir-rapport għandu:
  - (a) jeżamina l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni;
  - (b) jivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika u l-prospetti tal-Ukrajna, kif ukoll il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' politika msemmija fl-Artikolu 3(1);
  - (c) jindika r-rabta bejn il-kundizzjonijiet tal-politika ekonomika stipulati fil-Memorandum ta' Qbil, il-prestazzjoni ekonomika u fiskali attwali tal-Ukrajna u d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li tirrilaxxa l-ħlasijiet parzjali tal-assistenza makrofinanzjarja tal-Unjoni.
- 2. Sa mhux aktar tard minn sentejn wara li jiskadi l-perjodu ta' disponibbiltà msemmi fl-Artikolu 1(4), il-Kummissjoni tibgħat rapport ta' evalwazzjoni ex post lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta r-risultati u l-effiċjenza tal-assistenza makrofinanzjarja kompleta tal-Unjoni u sa liema punt din ikkontribwiet għall-għanijiet tal-assistenza.

#### *Artikolu 9*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprovdi iżjed assistenza makrofinanzjarja lir-Repubblika tal-Ukrajna

#### 1.2. Qasam/Oqsm ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB<sup>11</sup>

Qasam ta' politika: Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

Attività: Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji internazzjonali

#### 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

Il-proposta/L-inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**<sup>12</sup>

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata mal-estensjoni ta' **azzjoni eżistenti**

Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

#### 1.4. Objettiv(i)

##### 1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva*

"Spinta ġdida għall-impjegi, it-tkabbir u l-investiment: il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

##### 1.4.2. *Objettiv(i) speċifiku(ċi)*

Nru tal-objettiv speċifiku

"Il-promozzjoni tal-prosperità lil hinn mill-UE"

Attività/Attivitajiet ABM/ABB ikkonċernata/i

L-attivitajiet marbuta mad-DĠ ECFIN huma relatati ma':

(a) L-appoġġ tal-istabbiltà makroekonomika u l-promozzjoni tar-riformi favur it-tkabbir barra mill-UE, inkluż permezz ta' djalogi ekonomiċi regolari mas-sħab ewlenin u bl-għoti ta' assistenza makrofinanzjarja; kif ukoll

(b) L-appoġġ tal-proċess ta' tkabbir u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-viċinat u tat-tkabbir tal-UE u prijoritajiet oħra tal-UE ma' sieħba permezz ta' analiżi ekonomika u l-għoti ta' valutazzjonijiet tal-politika u pariri.

##### 1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistenni(ja)*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

- Tikkontribwixxi biex tkopri l-ħtiġijiet ta' finanzjament estern tal-Ukrajna fil-kuntest ta' deterjorament sinifikanti tal-kontijiet esterni tagħhom minħabba l-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa u l-impatt ta' fiduċja tat-tensjonijiet ġeopolitiċi fil-fruntieri tagħha.

<sup>11</sup> ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB (baġit ibbażat fuq l-attività): ibbaġitjar ibbażat fuq l-attività.

<sup>12</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

- Ittaffi l-ħtiġijiet ta' finanzjament baġitarju tal-pajjiż benefiċjarju.
- Tappoġġa l-isforz ta' konsolidazzjoni fiskali u l-istabbilizzazzjoni esterna fil-kuntest ta' programm tal-FMI.
- Tappoġġa l-isforzi ta' riforma strutturali mmirati biex itejbu l-ġestjoni makroekonomika globali, isaħħu l-governanza u t-trasparenza ekonomika, u ttejjbu l-kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli.

#### 1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-awtoritajiet tal-Ukrajna se jkunu mitluba jirrapportaw lis-servizzi tal-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar sett ta' indikaturi ekonomiċi kif ukoll jipprovdu rapport komprensiv dwar il-konformità mal-kundizzjonijiet miftiehma ta' politika, qabel ma jiġu żborżati l-pagamenti tal-assistenza.

Is-servizzi tal-Kummissjoni se jkomplu jimmonitorjaw il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, wara l-valutazzjoni operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u l-proċeduri amministrattivi fl-Ukrajna, li twasslet f'Ġunju 2020. Id-Delegazzjoni tal-UE fil-pajjiżi sieħba se jra tipprovdi wkoll rapportar regolari dwar kwistjonijiet li huma rilevanti għall-monitoraġġ tal-assistenza. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jrin jibqgħu f'kuntatt mill-qrib mal-FMI u mal-Bank Dinji sabiex jibbenefikaw mill-għarfien tagħhom li jiksbu mill-attivitajiet fis-seħħ tagħhom fil-pajjiż sieħba.

Fid-deċiżjoni leġislattiva proposta huwa previst rapport annwali tal-AMF lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li jkun fih valutazzjoni tal-implimentazzjoni ta' din l-operazzjoni. Evalwazzjoni indipendenti ex-post dwar l-assistenza se titwettaq fi żmien sentejn wara l-iskadenza tal-perjodu ta' implimentazzjoni.

### 1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

#### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/ u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-iżborż tal-assistenza se jkun kundizzjonali fuq l-issodisfar tal-prekundizzjonijiet politiċi u jiddependi fuq l-implimentazzjoni kontinwa b'suċċess ta' programm tal-FMI. Il-programm attwali tal-FMI, li ġie approvat mill-Bord fid-9 ta' Ġunju 2020, wara l-implimentazzjoni mill-awtoritajiet Ukreni ta' għadd ta' azzjonijiet preċedenti, ġie estiż fil-21 ta' Novembru 2021 sal-aħħar ta' Ġunju 2022, wara l-konklużjoni b'suċċess tal-ewwel rieżami tal-programm. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha taqbel mal-awtoritajiet tal-Ukrajna fuq kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, elenkati fil-Memorandum ta' Qbil.

L-assistenza hija ppjanata li tiġi żborżata f'żewġ ħlasijiet parzjali. L-iżborż tal-ewwel pagament parzjali huwa mistenni li jseħħ mad-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil, possibbilment fl-ewwel kwart tal-2022. It-tieni pagament parzjali jista' jitħallas fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-Memorandum ta' Qbil.

- 1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

L-istrument tal-għajnuna makro-finanzjarja huwa strument ibbażat fuq il-politika li għandu l-għan li jtaffi l-ħtiġijiet finanzjarji esterni fuq terminu qasir u medju. Minħabba t-telf ta' aċċess għas-swieq kapitali internazzjonali, l-istrument jipprovdi finanzjament essenzjali għad-diskrepanza finanzjarja residwa li qed tikber tal-pajjiż. L-AMF se tikkomplimenta r-riżorsi magħmula disponibbli mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, id-donaturi bilaterali u istituzzjonijiet finanzjarji oħra tal-UE. B'hekk, se tikkontribwixxi għall-effettività ġenerali tal-appoġġ finanzjarju pprovdut mill-komunità internazzjonali, kif ukoll ta' assistenza finanzjarja oħra tal-UE, inklużi operazzjonijiet ta' appoġġ baġitarju.

Barra minn hekk, billi jiprovdi finanzjament fit-tul f'termini konċessjonali ħafna, normalment inqas mill-bqija tad-donaturi internazzjonali jew bilaterali, il-programm tal-AMF huwa mistenni li jgħin lill-gvern jesegwixxi l-baġit tiegħu mingħajr devjazzjonijiet fiskali u jikkontribwixxi għas-sostenibbiltà tad-dejn.

Minbarra l-impatt finanzjarju tal-AMF, il-programm propost se jsaħħaħ l-impenn ta' riforma tal-gvernijiet u l-aspirazzjoni tagħhom lejn relazzjonijiet eqreb mal-UE, kif rifless fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni li daħal fis-seħħ fl-2017. Dan ir-riżultat se jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta' kundizzjonalità xierqa għall-iżborż tal-għajnuna. F'kuntest akbar, il-programm se juri li l-UE lesta tappoġġa pajjiżi sieħba fil-viċinat tal-Lvant, inkluża l-Ukrajna, f'mument ta' diffikultajiet ekonomiċi.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

L-operazzjonijiet ta' assistenza makrofinanzjarja f'pajjiżi sieħba huma soġġetti għal evalwazzjoni ex post. L-evalwazzjonijiet li saru s'issa (dwar il-programmi tal-AMF kompletati), jikkonkludu li l-operazzjonijiet tal-AMF tabilħaqq jikkontribwixxu, għalkemm xi drabi jagħmlu dan modestament u indirettament, għat-titjib tas-sostenibbiltà esterna, għall-istabbiltà makroekonomika u biex jitwettqu riformi strutturali fil-pajjiż sieħeb. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-operazzjonijiet tal-AMF kellhom effett pożittiv fuq il-bilanċ tal-pagamenti tal-pajjiż sieħeb u kkontribwew biex jonqsu l-pressjonijiet baġitarji. Dawn wasslu wkoll biex ikun hemm tkabbir ekonomiku kemxejn ogħla.

L-aħħar evalwazzjoni mwettqa għal operazzjoni tal-AMF lill-Ukrajna tirreferi għall-intervent implimentat bejn l-2015 u l-2018 (AMF III). L-evalwazzjoni sabet li l-AMF-III kienet rilevanti ħafna f'termini tal-oġġettivi, il-pakkett finanzjarju u l-kundizzjonijiet ta' politika tagħha. L-operazzjoni appoġġat b'mod effettiv il-konsolidazzjoni fiskali tal-pajjiż u għenet lill-Ukrajna ttejjeb il-pożizzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti tagħha. Il-kundizzjonalità tal-AMF III ħolqot effett politikament rinforzanti li kkontribwixxa għall-mobilizzazzjoni tal-awtoritajiet Ukreni madwar riformi kruċjali (jiġifieri: il-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi; is-settur tal-enerġija; il-governanza u t-trasparenza; is-settur finanzjarju). Il-programm żied ukoll il-valur permezz tal-effett tiegħu li jsaħħaħ il-fiduċja fuq is-settur privat.

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*Kompatibilità mal-Qafas Finanzjarju Multiannwali*

Fil-qafas finanzjarju pluriennali 2021–2027, il-proviżjonament ta' self tal-AMF se jkun kopert mill-ammont totali previst għall-forniment tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna fi ħdan l-NDICI - Ewropa Globali. Il-kapaċità ta' self (indikattiva) prevista għall-AMF hija biżżejjed biex tkopri din l-operazzjoni kif ukoll operazzjonijiet oħra tal-AMF li qed jiġu implimentati.

*Sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-UE hija fost id-donaturi ewlenin tal-Ukrajna u tappoġġja r-riformi istituzzjonali, strutturali u ekonomiċi kif ukoll lis-soċjetà ċivili tagħha. L-appoġġ finanzjarju tal-UE lill-Ukrajna matul l-2015–2021 permezz ta' programmi ta' Assistenza Makrofinanzjarja ammonta għal EUR 5 biljun. Dan il-programm ta' AMF jikkomplementa azzjonijiet esterni oħra tal-UE jew strumenti użati biex jappoġġaw lill-Ukrajna. Huwa allinjat ukoll mal-istrument il-ġdid Ewropa Globali (l-Istrument tal-Viċinat, l-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Internazzjonali) u l-istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA-III) għall-2021-2027.

Il-valur miżjud ewlieni tal-AMF, meta mqabbel ma' strumenti oħrajn tal-UE, huwa li jgħin biex jinħoloq qafas makroekonomiku stabbli, inkluż billi jiġi promoss bilanċ tal-pagamenti u sitwazzjoni baġitarja aktar sostenibbli, kif ukoll qafas xieraq għar-riformi strutturali li qed javvanzaw. L-AMF ma tipprovdix appoġġ finanzjarju regolari u trid titwaqqaf hekk kif is-sitwazzjoni finanzjarja esterna tas-sieħeb tkun reġġet qabdet perkors sostenibbli.

L-AMF tkun ukoll kumplementari għall-interventi previsti mill-komunità internazzjonali, b'mod partikolari għall-programm ta' aġġustament u riforma appoġġjat mill-FMI u mill-Bank Dinji.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Bl-użu ta' self, din l-operazzjoni tal-AMF żżid l-effikaċja tal-baġit tal-UE permezz tal-effett ta' ingranaġġ u tipprovdix l-aktar opzjoni kosteffiċjenti.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissellef fondi mis-swieq kapitali kemm f'isem l-Unjoni Ewropea kif ukoll f'isem il-Euratom billi tuża l-garanzija tal-baġit tal-UE. L-għan huwa li jinkisbu fondi mis-suq bl-aħjar rati disponibbli minħabba l-istatus ta' kreditu tal-ogħla livell (klassifikat AAA minn Fitch, Moody' s u DBRS, AA minn S&P, kollha bi prospettiva stabbli) tal-UE/Euratom u mbagħad issellifhom lil mutwatarji eliġibbli fil-kuntest ta' self taħt l-EFSM, BtP, AMF u lill-proġetti tal-Euratom. It-teħid u għoti b'self jitwettqu b'operazzjoni spalla ma' spalla u dak jiżgura li l-baġit tal-UE ma jieħu l-ebda riskju marbut mar-rata tal-imgħax jew tal-kambju. Il-mira li jinkisbu fondi bl-aħjar rati disponibbli għal attivitajiet ta' għoti u teħid b'self inkisbu minħabba li daww ir-rati huma konformi ma' ta' istituzzjonijiet pari (BEI, EFSM, u MES).

**1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

**X durata limitata**

- fis-seħħ matul perjodu ta' 12-il xahar li jibda fl-2022
- Impatt finanzjarju mill-2022 sal-2023 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2022 sal-2023 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

**1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat/i<sup>13</sup>**

**X Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- **X** mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

- mill-aġenziji eżekuttivi

**Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

**Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lill-:

- pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;
- organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- korpi tal-liġi pubblika;
- korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;
- persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it- Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

**Kummenti**

--

<sup>13</sup> Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-ġestjoni u r-rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-għajjnuna tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

Din l-assistenza hija ta' natura makroekonomika u hija mfassla b'mod li tkun konsistenti ma programm appoġġjat mill-FMI. Il-monitoraġġ tal-azzjoni mis-servizzi tal-Kummissjoni se jsir abbażi tal-implimentazzjoni kontinwa b'suċċess kemm ta' programm tal-FMI kif ukoll tal-miżuri ta' riforma speċifiċi li għandhom jiġu miftiehma mal-awtoritajiet Ukreni f'Memorandum ta' Qbil bi frekwenza li tkun konsistenti mal-għadd ta' pagamenti (Ara wkoll il-punt 1.4.4).

### 2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

L-azzjonijiet li għandhom jiġu ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni se jiġu implimentati taħt ġestjoni diretta mill-Kummissjoni mill-kwartieri ġenerali u bl-għajjnuna tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

L-iżborżi tal-AMF huma dipendenti fuq rieżamijiet b'suċċess, u marbuta mat-twettiq tal-kundizzjonalità marbuta ma' kull operazzjoni. L-implimentazzjoni tal-kundizzjonijiet hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kummissjoni, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni.

#### 2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbilita(i) għall-mitigazzjoni tagħhom

##### *Riskji identifikati*

Hemm riskji fiduċjarji, politiċi kif ukoll ta' politika marbutin mal-operazzjonijiet tal-AMF proposta.

Hemm ir-riskju li l-assistenza makrofinanzjarja tista' tintuża b'mod qarrieqi. L-AMF mhijiex imfassla għal spejjeż speċifiċi (għall-kuntrarju tal-finanzjament ta' proġett, pereżempju), dan ir-riskju huwa relatat ma' fatturi bħalma huma l-kwalità ġenerali tas-sistemi ta' ġestjoni fil-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna u l-Ministeru tal-Finanzi, il-proċeduri amministrattivi, il-funzjonijiet ta' kontroll u sorveljanza, is-sigurtà tas-sistemi tal-IT u l-kapaċitajiet ta' awditjar interni u esterni.

Riskju ieħor ġej mill-possibbiltà li l-Ukrajna se tonqos milli tagħti servizz tal-obbligazzjonijiet finanzjarji lejn l-UE li jirriżultaw mis-self ta' AMF propost (riskju ta' inadempjenza jew kreditu) li jista' jkun ikkawżat, pereżempju, minn deterjorament addizzjonali sinifikanti tal-bilanċ tal-pagamenti u l-pożizzjoni fiskali tas-sieħeb.

Riskju ewlieni ieħor għall-operazzjoni jirriżulta minn tensjonijiet li sejin għall-aġġar bejn l-Ukrajna u r-Russja, li jista' jkollhom impatt negattiv ulterjuri fuq l-istabbiltà makroekonomika tal-Ukrajna, li jaffettwaw il-prestazzjoni tal-programm tal-FMI u l-iżborż u/jew il-ħlas lura tal-AMF proposta.

##### *Sistemi ta' kontroll intern*

L-assistenza makrofinanzjarja se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

Ex-ante: Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tas-sistema tal-ġestjoni u tal-kontroll fil-pajjiż benefiċjarju. Għal kull pajjiż benefiċjarju ssir valutazzjoni operazzjonali ex-ante taċ-ċirkwiti finanzjarji u tal-ambjent tal-kontroll mill-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, bl-appoġġ tekniku ta' konsulenti. Jitwettqu analiżi tal-proċeduri tal-kontabbiltà, tas-segregazzjoni tad-dmirijiet u tal-awditjar intern/estern tal-bank Ċentrali u tal-Ministeru tal-Finanzi sabiex jiġi żgurat livell raġonevoli ta' żgurar ta' ġestjoni finanzjarja tajba. Jekk jiġu identifikati dgħufijiet, dawn jinjalbu f'kundizzjonijiet, li jkunu jridu jiġu implimentati qabel l-iżborż tal-assistenza. Barra minn hekk, meta jkun meħtieġ, jiġu stabbiliti arranġamenti speċifiċi għall-pagamenti (pereż. kontijiet delimitati).

Matul l-implimentazzjoni: Il-kontrolli mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet perijodiċi tas-sieħeb. Il-pagament huwa soġġett għal (1) monitoraġġ mill-persunal tad-DĠ ECFIN, f'koordinazzjoni mill-qrib mad-Delegazzjonijiet tal-UE u mal-partijiet konċernati esterni, bħall-FMI, tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalitajiet miftiehma, u (2) il-proċedura normali ta' kontroll prevista miċ-ċirkuwitu finanzjarju (mudell 2) użata fid-DĠ ECFIN, inkluża l-verifika mill-unità finanzjarja tas-sodisfar tal-kundizzjonijiet marbuta mal-iżborż tal-assistenza msemmija hawn fuq. L-iżborż relatat ma' operazzjonijiet tal-AMF jista' jkun soġġett għal verifiki ex post addizzjonali u indipendenti (dokumentarji u/jew fuq il-post) minn uffiċjali tat-tim ta' kontroll ex post tad-DĠ. Tali verifiki jistgħu wkoll jinbdew fuq talba tal-AOSD responsabbli. Interruzzjonijiet u sospensjonijiet ta' pagamenti, korrezzjonijiet finanzjarji (implimentati mill-Kummissjoni) u rkupri jistgħu jitwettqu fejn meħtieġ (dan għadu ma seħħ qatt s'issa), u huma previsti b'mod espliċitu fil-ftehimiet ta' finanzjament mas-sħab.

- 2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Is-sistemi tal-kontroll fis-seħħ, bħall-valutazzjonijiet operazzjonali ex ante jew il-valutazzjonijiet ex post, żguraw rata effettiva ta' errur għall-pagamenti tal-AMF ta' 0 %. Ma hemmx każijiet magħrufa ta' frodi, korruzzjoni jew attività illegali. L-operazzjonijiet tal-AMF għandhom loġika ċara ta' intervent, waħda li tippermetti lill-Kummissjoni tevalwa l-impatt tagħhom. Il-kontrolli jippermettu l-konferma tal-iżgurar u tal-kisba tal-oġġettivi u tal-prijoritajiet tal-politika.

### 2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.*

Sabiex jimmitigaw ir-riskji tal-użu frodulenti ttieħdu u se jittieħdu diversi miżuri:

L-ewwel nett, il-ftehim ta' Self se jikkonsisti f'għadd ta' dispożizzjonijiet dwar l-ispezzjoni, il-prevenzjoni tal-frodi, l-awditjar, u l-irkupru ta' fondi f'każ ta' frodi jew ta' korruzzjoni. Hu maħsub ukoll li mal-assistenza jintrabtu għadd ta' kundizzjonijiet speċifiċi ta' politika, l-aktar fil-qasam tal-ġestjoni tal-finanzi pubbliċi, bl-għan li jissaħħu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-akkontabbiltà. Barra minn hekk, l-assistenza titħallas f'kont speċifiku fil-Bank Nazzjonali tal-Ukrajna.

Barra minn hekk, f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju, is-servizzi tal-Kummissjoni wettqu Valutazzjoni Operazzjonali taċ-ċirkwiti finanzjarji u amministrattivi tal-Ukrajna biex jiżguraw li l-proċeduri stabbiliti għall-ġestjoni tal-programm, inkluża l-AMF, jipprovdu garanziji adegwati. Il-valutazzjoni twettqet f'Ġunju tal-2020 u tkopri oqsma bħalma huma t-tnejn u l-eżekuzzjoni tal-baġit, il-kontroll finanzjarju pubbliku intern, l-awditjar intern u estern, l-akkwist pubbliku, il-ġestjoni tal-flus u d-dejn pubbliċi, kif ukoll l-indipendenza tal-bank ċentrali. L-iżviluppi f'dan il-qasam se jkomplu jiġu mmonitorjati aktar mill-qrib mid-Delegazzjoni fis-sieħeb rispettiv. Il-Kummissjoni qed tuża wkoll assistenza baġitarja biex tgħin lill-awtoritajiet Ukreni biex itejbu s-sistemi ta' ġestjoni tal-finanzi pubbliċi tagħhom, u dawn l-isforzi qed jiġu appoġġjati wkoll minn donaturi oħrajn.

Fl-aħħar, l-assistenza se tkun soġġetta għal proċeduri ta' verifika, kontroll u awditjar taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni, inkluż tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF), u tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri kif previst fl-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju.

### 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-intestatura/i tal-baġit tan-nefqa affettwati:

- Il-linji baġitarji eżistenti

*Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

Titolu tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja Baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux -diff <sup>14</sup> .	mill-pajjiżi tal-EFTA <sup>15</sup>	mill-pajjiżi kandidati <sup>16</sup>	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	14.02.01.70.06 [Self tal-AMF - EAG]	Diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba - Mhux applikabbli

<sup>14</sup> Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>15</sup> EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>16</sup> Pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

### 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

#### 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- **X Il-proposta/inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:**

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

<b>Titolu tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	6	<b>Titlu 6 - "Il-Viċinat u d-Dinja"</b>
---	---	---

DĠ: ECFIN			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja Baġitarja <sup>17</sup>	Impenji	(1a)	108.0 <sup>18</sup>				<b>108.0</b>
14.02.01.70.06 [Self tal-AMF - EAG]	Pagamenti	(2a)				<b>108.0</b>	<b>108.0</b>
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għall-programmi speċifiċi <sup>19</sup>							
Linja Baġitarja 14.20.03.01 [għotjiet tal-AMF]		(3)				0.15	<b>0.15</b>
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ ECFIN</b>	Impenji	=1a+1b +3	108.0				
	Pagamenti	=2a+2b +3				108.0	
<b>•TOTAL tal-appropriazzjonijiet</b>	Impenji	(4)	108.0			0.15	<b>108.15</b>

<sup>17</sup> Skont in-nomenklatura uffiċjali tal-baġit.

<sup>18</sup> L-ammont tal-proviżjonament għas-self tal-AMF (9 %) li għandu jitħallas fil-Fond ta' Proviżjonament Komuni.

<sup>19</sup> Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

operazzjonali	Pagamenti	(5)				108.15	<b>108.15</b>
•TOTAL tal-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' ċerti programmi speċifiċi TOTAL tal-approprjazzjonijiet		(6)					
<b>TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	=4+ 6	108.0			0.15	<b>108.15</b>
	Pagamenti	=5+ 6				108.15	<b>108.15</b>

**Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsimu ta' hawn fuq:** (miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali))

<b>Titolu tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	7	<b>Intestatura 7 - “Amministrazzjoni pubblika Ewropea”</b>
---	---	--

Din it-taqsimu jenħteġ li timtela bl-użu tad-“*data* baġitarja ta' natura amministrattiva” li l-ewwel trid tiddaħħal fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella' fuq DECIDE għal finijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

DĠ: ECFIN			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena	TOTAL
Riżorsi umani			0.283	0.141	-	0.024		<b>0.448</b>
Nefqa amministrattiva oħra			-	0.020	-	-		<b>0.020</b>
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Appropriazzjonijiet		0.283	0.161	-	0.024		<b>0.468</b>
	(Total tal-impenji = Total tal-pagamenti)		0.283	0.161	-	0.024		<b>0.468</b>

			Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	Sena	TOTAL
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	Impenji	=4+ 6	108.283	0.161	-	0.174		<b>108.618</b>
	Pagamenti	=5+ 6	0.283	0.161	-	108.174		<b>108.618</b>

(Ammont ta' referenza)													
------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--

### 3.2.2. Output smat ifffinanzjat b'approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

Indika 1- objettivi u r- riżultati ↓	Tip <sup>20</sup>	Sena 2021		Sena 2022		Sena 2023		Sena 2024		Sena 2025		TOTAL	
		Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Numru	Kost	Għadd totali	Kost totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU NRU 1 <sup>21</sup>													
- Risultat 1	Żborżi tal-għotja												
- Risultat 2	Proviżjonament tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna			2	108.0							2	108.0
- Risultat 3	Evalwazzjoni ex-post									1	0.15	1	0.15
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1		-	-	2	108.0			-	-	1	0.15	2	108.15
<b>KOST TOTALI</b>		-	-	2	108.0			-	-	1	0.15	2	108.15

<sup>20</sup> L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

<sup>21</sup> Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiki ..."

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

– **X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-uż ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:**

miljuni ta' EUR (aġġustati għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025		TOTAL
--	--------------	--------------	--------------	--------------	--	-------

<b>INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>						
Riżorsi umani	0.283	0.141	-	0.024		<b>0.448</b>
Nefqa amministrattiva oħra	-	0.020	-	-		<b>0.020</b>
<b>Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>	0.283	0.161	-	0.024		<b>0.468</b>

<b>Barra mill- INTESTATURA 7<sup>22</sup> tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>						
Riżorsi umani						
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva						
<b>Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali</b>						

<b>TOTAL</b>	0.283	0.161	-	0.024		<b>0.468</b>
--------------	-------	-------	---	-------	--	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati minn appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà huma assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew ġew riallokati fi ħdan id-DĠ.

<sup>22</sup>

Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

### 3.2.3.1. Stima tar-riżorsi umani meħtieġa

– **X Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:**

*Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time*

	Sena 2022	Sena 2023	Sena 2024	Sena 2025	TOTAL
	<b>•Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji)</b>				
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	1.8	0.9	-	0.15	2.85
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)					
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)					
01 01 01 11 (Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)					
	<b>•Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)<sup>23</sup></b>				
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")					
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)					
XX 01 xx yy zz <sup>24</sup>	- fil-Kwartieri Ġenerali:				
	- fid-Delegazzjonijiet				
01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)					
01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta)					
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)					
<b>TOTAL</b>	<b>1.8</b>	<b>0.9</b>	<b>-</b>	<b>0.15</b>	<b>2.85</b>

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	<p>Direttur Dir. D: Jissorvelja u jimmaniġġja l-operazzjoni, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni tal-Memorandum ta' Qbil (MtQ), jinneozja l-MtQ mal-awtoritajiet tal-Ukrajna, janalizza r-rapporti, imexxi missjonijiet u jivvaluta l-progress fil-konformità mal-kundizzjonalità.</p> <p>Kap tal-Unità/DKap tal-Unità Dir. D: Jassisti lid-Direttur fil-supervizzjoni u l-immaniġjar tal-operat, jikkoordina mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni u l-approvazzjoni ta' MtQ, jinneozja mal-awtoritajiet tal-Ukrajna, l-MtQ u l-Ftehim għall-Faċilità ta' Self (flimkien mad-DĠ BAĠIT), janalizza r-rapporti u jivvaluta l-progress bil-konformità kundizzjonali.</p> <p>Ekonomisti skont il-pajjiż, is-settur AMF (Dir. D): Iħejju d-deċiżjoni u l-MtQ, jikkoordinaw mal-awtoritajiet u mal-IFIs, iwettqu missjonijiet ta' analiżi, jippreparaw rapporti tal-persunal tal-Kummissjoni u proċeduri tal-Kummissjoni marbuta mal-ġestjoni tal-assistenza, jikkoordinaw ma' esperti esterni għall-valutazzjoni</p>
---------------------------------	--

<sup>23</sup> AC = Aġent Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = persunal tal-aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

<sup>24</sup> Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

	<p>operazzjonali u l-evalwazzjoni ex post.</p> <p>DĠ BAĠIT (Unitajiet E1, E3 taħt is-supervizzjoni tad-Direttur): Jipprepara l-Ftehim dwar Faċilità ta' Self (LFA), jinnegozjah mal-awtoritajiet tal-Ukrajna u jieħu ħsieb li jiġi approvat mis-servizzi responsabbli tal-Kummissjoni u ffirmat miż-żewġ partijiet. Isegwi d-dħul fis-seħħ tal-LFA. Iħejji d-deċiżjoni(jiet) tal-Kummissjoni dwar it-tranżazzjoni(jiet) ta' self, isegwi l-preżentazzjoni tat-Talba/iet għal Fondi, jagħżel il-banek, iħejji u jeżegwixxi t-tranżazzjoni(jiet) ta' finanzjament u jiżborża l-fondi lill-Ukrajna. Iwettaq attivitajiet ta' back-office biex isegwi r-rimborż tas-self. Iħejji r-rapporti korrispondenti dwar dawn l-attivitajiet.</p>
Persunal estern	-

3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- **X** tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- **X** ma tippovdix għall-kofinanzjament minn partijiet terzi

**3.3. Stima tal-impatt fuq id-dħul**

- **X Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.**